

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-21 ta' Ottubru 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Sąd Rejonowy dla Krakowa-Śródmieścia w Krakowie – il-Polonja) – T.B., D. sp. z. o. o. vs G. I. A/S

(Kawża C-393/20) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Ġurisdizzjoni u eżekuzzjoni tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali – Regolament (UE) Nru 1215/2012 – Ġurisdizzjoni f'materji tal-assigurazzjonijiet – Artikolu 11(1)(b) – Artikolu 12 – Artikolu 13(2) – Kamp ta' applikazzjoni razione personae – Kunċett ta' "persuna leża" – Professionist – Ġurisdizzjoni speċjali – Artikolu 7(2))

(2021/C 513/18)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Sąd Rejonowy dla Krakowa-Śródmieścia w Krakowie

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: T.B., D. sp. z. o. o.

Konvenut: G. I. A/S

Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, moqri flimkien mal-Artikolu 11(1)(b) ta' dan ir-regolament, għandu jiġi interpretat fis-sens li dan ma jstax jiġi invokat minn kumpannija li, bħala korrispettiv għal servizzi li hija ttiprovdi lill-vittma diretta ta' inċident tat-traffiku b'rabta mad-dannu li jirriżulta minn dan l-inċident, kisbet mingħandha l-pretensjoni għall-ħlas ta' danni tal-assigurazzjoni, sabiex għalihom titlob il-ħlas mingħand l-assiguratur tal-persuna li tkun ikkawżat l-imsemmi inċident, mingħajr madankollu ma twettaq attività professjonali fil-qasam tal-irkupru ta' tali pretensjonijiet.
- 2) L-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1215/2012 għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jista' jiġi invokat minn professjonist li permezz ta' kuntratt ta' assenjazżjoni kiseb pretensjoni mingħand il-vittma ta' inċident tat-traffiku bil-għan li titressaq azzjoni ta' delitt jew ta' kważi delitt quddiem il-qrati tal-Istat Membru tal-post fejn seħħ l-avveniment dannuż fil-konfront tal-assiguratur tal-persuna li kkawżat dan l-inċident, li għandu s-sede tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għajr dak tal-post fejn seħħ il-fatt dannuż, bil-kundizzjoni li l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jkunu ssodisfatti, fatt dan li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

⁽¹⁾ ĠU C 423, 7.12.2020.